MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1274/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Vella**

**vs**

**Daniel Lapira**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm302.73) rappresentanti danni kkawzati mill-konvenut u sborsati mis-socjeta attrici bhala indenizz a favur ta'l-assikurat taghha in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Ta' Xbiex fil-21 ta' Novembru 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru YAN 129 habat mal-vettura EAX 343, proprjeta ta' Raymond Vella u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-26 ta' April 2004, l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali (notifika wahda) presentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' April 2004 sad-data ta'l-effettiv pagament kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm302.73), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' April 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-26 ta' April 2004, l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali (notifika wahda) presentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika tal-assikiurazzjoni tal-konvenut a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------